sieri, Alla jaħfirlu! li meta xi ħadd minna kien jibda jgħid xi ħaġa fuq in-nies, kien jaħtfu mill-ewwel b'dan il-kliem: 'U ara dan biex ġej; għax ma tmurx taqbad xi ktieb f'idejk!' Parir aħjar minn hekk ma setax jatina, għal-kemm mgħallem ta' l-iskola ma kienx meta tqabblu ma' dawk kollha li jippretenduha li huma għorrief għax xejħu żgħożithom fil-kurituri mudlama tal-Università. U hawnhekk ta' min jiftakar kemm in-nies tagħna ma tridx taf bil-kotba u bil-qari. Ilabalbu fuq in-nies l-hena tagħhom minn tlugħek ja xemx sa nżulek; iżda mbagħad qatt ma għandhom żmien għall-qari! Meta ma ssibx ukoll xi moħħ battal li jgħidlek li l-qari ipeċpiċlek għajnejk, qisu li jkollok moħħ impeċpeċ mhux ħafna agħar milli jkollok għajnejk impeċpċa! Tassew li moħħna fieragħ aħna l-Maltin; ġnus oħra ħolqu l-ħsieb li daqsxejn ta' nuċċali magħmul artistikament iżid isebbaħ u mhux jgħar-raq id-dehra ta' min jilbsu; aħna ta' mħuħ żgħar bqajna mitlufin fil-ħsieb fieragħ tal-ġmiel għaddieni. Dan l-aħħar tassew ġietni ħasra meta ġie quddiemi żagħżugħ ta' xi sittax-il sena, ipeċpeċ għajnejh biex jara fejn sa jati pass, ferħan bih innifsu għax ma għandux 'stangetti ma' wiċċu'. Għalkemm it-tabib kien ilu snin li ordnalu nuċċali u kien iwissih biex jilbsu kull meta jaraħ, u għalhemm seta' jġibu b'xejn mingħand il-Gvern, baqa' mingħajru — *a happy fool*. Ma ħabbilx rasu li t-talkies ma setax imur u jara ċar bħal ħaddieħor; li ktieb ma setax jiftaħ b'idejh; li meta jimxi fit-triq kulħadd jitħassru. L-aqwa li n-nies ma tgħidx li għandu bżonn nuċċali.

Tagħtix każ tan-nies! Għax ma taqbadx xi ktieb f'idejk?

## ROSE!

*Warda demmija*
*Xofftejk bellusija,*
*Mera ta' mħabba*
*Li qatt ma tittabba'.*

*Tħammar fid-dija,*
*Int tfewwaħ fl-għaxija,*
*B'ħarstek ħanina*
*Ma ġenbek tħennina.*

*Kun l-għaxqa tagħna*
*Żomm ruħek ferħana,*
*Ftakar li ħieni*
*Għalik hemm ġejjieni!*

4 ta' April 1964 — B.V. Privitera